# Wirt il-knisja parrokkjali l-qadima li kellna

Joseph Borg

■ L-ewwel knisja parrokkjali li kellna l-Mosta kienet dik ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Marija msemmi fil-viżta li d-Delegat Appostoliku Mons. Dun Pietru Duzina kien għamel fil-Mosta fl-1575. Dan id-Delegat Appostoliku kien iddeskriva 'l dik il-knisja bħala "wiesgħa u xierqa biżżejjed" u sejħilha saħansitra "bħala knisja parrokkjali", mhux għax fil-fatt kienet diġà, imma x'aktarx għax fiha diġà kienu qegħdin jinżammu s-Sagramenti: tant hu hekk li dik il-knisja kellha fost l-oħrajn fonti għall-magħmudija ordnat mill-isqof Cubelles wara ż-żjara pastorali fl-1557. B'dan kollu, dik il-knisja kien għada marbuta mal-Matriċi tagħha tan-Naxxar. Jarġa', il-kappillan tan-Naxxar, ma kellu l-ebda obbligu lejn dik il-knisja, ħlief li nhar Santa Marija jqaddes fuq l-artal maġġur tagħha.

Ġara imma li l-Isqof Tumas Gargallo kien ilu li xeħet għajnejh fuq dik il-knisja qadima, tant li fis-16 ta' Settembru 1608, wara talba li għamlulu l-Mostin, wasal biex joħroġ id-digriet tal-parroċċa Mostija u waqqaf dik il-knisja wisq qadima ta' l-Assunta li kien hemm fir-raħal bħala l-ewwel knisja parrokkjali tal-Mostin. Dan id-digriet ma kienx intlaqa' tajjeb mill-kappillan tan-Naxxar Dun Ġiljan Borg, tant li l-Mosta kellha ddum sentejn oħra bla kappillan, sal-mewt ta' Dun Ġiljan Borg li ġrat fl-1610. Dun Ġwann Bezzina ħa l-pussess bħala l-ewwel Kappillan tal-Mosta ta' dik il-knisja ta' l-Assunta li kellha tkun l-ewwel Knisja Parrokkjali tal-Mosta. Bħal ħutu l-Mostin ta' dak iż-żmien il-kappillan Bezzina, kien twieled, għex u miet il-Mosta iżda jgħodd li kien mgħammed in-Naxxar għax il-Mosta kien għadha mhix parroċċa għaliha. Tifkira għażiża ta' dik l-ewwel knisja parrokkjali baqalna biss il-fonti ta' l-irħam tal-magħmudija li wirtitu t-tieni knisja parrokkjali li kellha tieħu post l-ewwel waħda u b'xorti tajba wirtitu wkoll ir-Rotunda, it-tielet knisja parrokkjali u arċipretali, u għalhekk għadna ngawduh sal-lum.

**It-tieni knisja parrokkjali - dik ta' Tumas Dingli**

■ L-ewwel kappillan tal-Mosta dritt qabbad lill-arkitett magħruf ta' dak iż-żmien Tumas Dingli biex jibni knisja parrokkjali ġdida, ikbar u isbaħ. Din kellha tkun it-tieni knisja parrokkjali tal-Mosta li tlifniha meta r-rotunda monumentali ta' Grongnet ħaditilha postha fl-1860. Minn dik il-knisja tas-seklu sbatax, baqalna biss biċċa mill-ħajt tal-faċċata ta' wara li kellha u li wieħed għadu jista' jarah jekk jinżel fil-kannierja tar-Rotunda. Fis-sagristija, imbagħad, fejn jilbsu l-qassissin, niltaqgħu ma' tpinġija tad-dehra tagħha minn barra magħmula minn Mosè Attard min-Naxxar, u dak kollu. Iżda jekk minn dik il-knisja ma baqgħalna xejn għadna ngħożżu ħafna minn dawk l-affarijiet li kienu jżejnuha u li llum b'sodisfazzjon qegħdin iżejnu l-knisja li għandna llum. Dan hu l-wirt li ħallietilna l-Knisja parrokkjali l-qadima ta' qabel ir-Rotunda u dwar dan sejrin nagħtu xi ħjiel f'din il-kitba.

**Xogħolijiet ta' pittura**

■ Fost il-kwadri kollha li kellha l-knisja parrokkjali l-qadima, żgur li l-iktar wieħed li kien miżmum b'għożża kien il-kwadru titulari ta' l-Assunta li skond ma tniżżel fl-atti ta' waħda mill-viżti pastorali li kellha dik il-knisja lejn l-aħħar tas-seklu XVII kien jinsab fi prospettiva mżejna b'sitt kolonni u bi kwadru fuqu tal-Missier Etern. Għalkemm dokumenti m'hemmx, il-kwadru kien minn dejjem magħdud bħala l-aqwa xogħol tal-pittur Pasquale Buhagiar li fuqu u dwar ix-xogħolijiet tiegħu ftit li xejn nafu. Nafu li sar b' legat imħolli minn qassis Mosti Dun Ġakbu Chetcuti fl-1678. Missirijietna kienu għaqlin biżżejjed biex ikabbruh u jirrestawrawh u jagħmluh iċ-ċentru tar-Rotunda, tant li eventwalment il-kwadru ġie, kif kien jixraqlu, solennement inkurunat fl-10 ta' Awissu 1975 b'sodisfazzjon u b'ferħ kbir tal-poplu Mosti.

Żewġ kwadri oħra ta' preġju li jżejnu tnejn mill-kappelli tar-Rotunda kienu wkoll oriġinarjament jinsabu fuq tnejn mill-artali li kellha l-knisja l-qadima. Dawn huma l-kwadru

wisq sabiħ tal-Madonna taċ-Ċintura u l-ieħor xejn inqas sabiħ ta' San Rokku flimkien ma' San Bastjan u Santa Rosalija. Iż-żewġ kwadri kellhom jitkabbru xi ftit għal fuq l-artali tar-Rotunda u huma t-tnejn opri tal-pittur imsemmi Stefano Erardi; dak ta' San Rokku hu saħansitra iffirmat u ddatat 1677.

Tal-knisja parrokkjali l-qadima kienu l-kwadri sbieħ tal-Via Sagra li għadhom iżejnu l-Knisja Arċipretali tagħna sal-lum. Dawn l-erbax-il kwadru kienu tpittru bejn l-1791 u l-1796. L-ewwel tnejn u l-aħħar tnejn minnhom huma xogħol il-pittur Antonio Scerri aktarx alliev ta' Rokku Buhagiar, filwaqt li l-għaxra l-oħra huma xogħol sabiħ tal-magħruf Rokku Buhagiar (c.1725-1805).

Fiż-żewġ sagristijiet niltaqgħu ma' għadd sabiħ ta' kwadri li kienu jżejnu l-knisja l-qadima u nibdew b'dik ta' fejn hemm il-bomba. Hawn naraw erba' kwadri ta' l-artali milli kellha l-knisja l-antika. Dawn huma dawk tar-Rużarju, ta' artist mhux magħruf; dak tal-Lunzjata, magħdud bħala xogħol ta' Buhagiar; dak tan-Nawfraġju ta' San Pawl, ta' Filippo Dingli; u dak kemmxejn żgħir li juri 'l San Duminku flimkien ma' Sant' Antnin ta' Padova. F'din is-sagristija niltaqgħu wkoll ma' kwadri oħra ta' xeħta ornamentali; dawn huma tnejn mill-kwadri minn dawk li kien jaf ipitter b'tant ħlewwa Rokku Buhagiar. Wieħed minnhom juri 'l Madonna tal-Grazzji flimkien ma' l-Erwieħ tal-Purgatorju, filwaqt li l-ieħor juri l-qlub ta' Ġesù u ta' Marija b'San Benedittu u San Alwiġi Gonzaga jħarsu lejhom. Fl-aħħar nett f'din is-sagristija, fuq in-niċċa tal-Vara l-Kbira, wieħed jara x-xbiha ovali tal-Qalb ta' Ġesù, kopja ta' Pompeo Batoni, li kienet ukoll meqjuma fil-knisja l-qadima.

Fis-sagristija l-oħra niltaqgħu wkoll ma' iżjed kwadri li kienu tal-knisja l-qadima. Fuq il-kaxxarizzi li jimlew il-faċċata ewlenija ta' din is-sagristija naraw erba' kwadri tawwalin, xogħol mill-isbaħ ta' Stefano Erardi, li qegħdin tnejn kull naħa, ma ġenb Kurċifiss ta' l-injam mill-isbaħ li jżejjen l-artal maġġur tal-Knisja Arċipretali matul ir-Randan Imqaddes. F'dawn l-erba' kwadri naraw lil San Lawrenz, San Filippu Neri, San Kosma u San Damjan. Fin-nofs, 'l isfel minnhom, tidher ix-xbiha devota ta' Marija Addolorata, xogħol ukoll ta' Stefano Erardi. Fil-għoli, fuq il-Kunċifiss u l-erba' kwadri msemmija, jiddomina l-kwadru sabiħ tal-Missier Etern li huwa wkoll xogħol sabiħ ta' Stefano Erardi u li postu fl-knisja l-qadima kien fil-prospettiva tal-kor sewwa sew fuq il-kwadru titulari ta' l-Assunta. Iżjed kwadri li niltaqgħu magħhom u li kienu vvenerati fil-knisja l-qadima huma dawk ta' San Ġwann l-Evanġelista, magħdud bħala xogħol ta' Francesco Zahra, l-ieħor tal-Madonna tad-Dawl, u l-ieħor ta' San Kalċidonju, li jfakkrek fix-xogħolijiet ta' Zahra. Ta' min isemmi wkoll z-zewġ kwadri ovali ta' Sant' Injazju u San Franġisk Saverju li hemm mal-ġnub ta' l-artal żgħir ta' Santa Filomena.

**Opri ta' skultura fl-injam**

■ Fost l-opri ta' skultura fl-injam li writna mill-knisja ta' Tumas Dingli nsemmu l-ewwelnett l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' mastru Pietro Paulo Zahra li saret fl-1742 u li orriġinarjament kienet impittra mill-famuż Francesco Zahra. Din l-istatwa kienet tiġi wżata għal diversi festi Marjani li kienu jsiru fil-parroċċa l-antika, fosthom Santa Marija. Statwa oħra sabiħa li wirtet ir-Rotunda hija dik tal-magħmudija ta' Kristu, maħduma mill-iskultur magħruf Vincenzo Dimech fl-1806 li saret għal fuq il-fonti tal-magħmudija.

Fis-sagristija ta' fejn hemm il-Vara l-Kbira, fil-għoli fuq il-kaxxarizzi naraw kurċifiss ta' l-injam li kien meqjum fuq l-artal tal-kappellun tax-xellug ta' l-artal maġġur tal-knisja l-qadima. Skond dokumenti miġburin mill-arkivju tal-knisja arċipretali, dan il-kurċifiss ta' artist mhux magħruf, sar fl-1695, u tpoġġa flok kwadru tal-Madonna tal-Grazzja, tmien snin wara li fil-parroċċa kienet twaqqfet l-Opra tal-Buona Morte jew ta' l-Agunija. Tifkira oħra tal-knisja l-qadima huwa l-mezzobust ta' 'Ecce Homo' ta' l-injam li dari kien ivvenerat fir-Rotunda ġewwa l-kappella tal-Madonna taċ-Ċintura. Illum jinsab fil-kannierja ġo niċċa żgħira fuq mensola sabiħa li kellu.

Iżjed xogħolijiet fl-injam li writna u li niltaqgħu magħhom fis-sagristijiet tar-Rotunda huma l-kaxxarizzi jew bankuni wisq sbieħ tal-fratellanzi li fihom kienu jżommu fost affarijiet oħra, xema', muzzetti u kunfratiji tad-diversi fratellanzi. Fis-sagristija ta' fejn jilbsu l-qassisin, naraw il-kaxxarizzi tal-faċċata b'xogħol ta' skultura mill-isbaħ li fihom. Nofs is-sedji li għandna fil-kor tar-Rotunda kienu wkoll tal-knisja parrokkjali l-qadima kif ukoll il-kapsula tas-sepulkru li

għadna nużaw sal-lum, li fi żminna nksit b'qoxra tal-fidda bit-tħabrik ta' Dun Salv Magro.

**Xogħolijiet fl-irħam u fil-fidda**

Wirt il-knisja l-qadima huwa wkoll l-artal li għandna fil-kor, taħt il-kwadru nkurunat ta' l-Assunta. Dan l-artal sabiħ kien l-artal maġġur tal-parroċċa l-qadima u sar fl-1682. Ta' l-istess knisja kienu t-tnax-il plakka bis-slaleb tal-Konsagrazzjoni li jfakkru l-Konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali l-qadima li seħħet fl-1774.

Ma nistgħux ma nsemmux il-lapida storika li darba kienet iżżejjen il-faċċata tal-knisja li kellna u li llum narawha f'nofs il-kuritur li jgħaqqad iż-żewġ sagristiji. Din kienet saret biex tfakkar il-Konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali l-qadima li saret mill-Isqof Pellerano nhar is-7 7 ta' April, 1774. Fuq din il-lapida tidher l-arma ta' l-Isqof Giovanni Pellerano magħquda f'waħda ma' dik tal-Granmastru Pinto li fi żmienu seħħet din il-ġrajja. Lapida sabiħa sepulkrali maqlugħha mill-knisja l-qadima u mqiegħda fl-art f'nofs il-kappella tas-Salib, hija dik li tfakkar lill-kappillan Mosti Dun Ġwann Anġlu Sammut (1742-58).

Għadna nużaw ukoll għaxra mil-lampieri tal-fidda li kellha l-knisja l-qadima tagħna li tista' tgħid huma lkoll xogħol immartellat fil-fidda. L-ikbar fost dawn il-lampieri narawh illum imdendel ta' kuljum f'nofs il-kor quddiem il-kwadru nkurunat ta' l-Assunta. Sitta oħra jiddendlu fil-kappelli tar-Rotunda f'xi festi speċjali ta' matul is-sena. Tnejn oħra, mogħtijin mill-kappillan Mosti, Dun Lawrenz Abela (1697-1742) jiddendlu quddiem in-niċċa tar-Redentur fl-okkażjoni tal-festa titulari filwaqt li ieħor li kien darba ta' l-artal tal-Lunzjata, jiddendel quddiem l-artal ta' Santa Filomena għall-festa ta' Santa Marija wkoll.

Tal-knisja l-qadima għad għandna wkoll l-isfera Ewkaristika, is-sekonda, u ż-żewġ ostensorji ż-żgħar li għadna nużaw sal-lum. Insemmu wkoll is-salib tal-kleru il-prim, mogħti minn Dun Marin Galea fl-1810 li sewa 1000 skud u ż-żewġ akkolti li saru fl-1826 li qamu 335 skud. Ma' dawn insemmu wkoll l-erba' lanterni tal-fidda li għadna naraw fil-pur'issjonijiet tal-parroċċa tagħna.

**Xi writna iżjed**

Opra oħra sabiħa ta' min isemmiha huwa l-apparat abjad ta' ħames kapep, li għalkemm m'għadhomx użati, wieħed għadu jista' jarahaom imdendlin f'vetrina tal-ħġieġ fis-sagristija ta' fejn hemm il-bomba. Dan l-apparat antik u sabiħ kien sar f'Lyon fi Franza fl-1791 u kien sewa 2076 skud. Ir-Rotunda wirtet ukoll mill-knisja ta' qabilha, il-qanpiena l-kbira li kellha, li kienet tintuża għad-daqq ta' l-arloġġ. Ġara imma li din tlifniha minħabba li kienet miksura; dan ġara lejn tmiem l-erbgħinijiet tas-seklu l-ieħor meta din ġiet mibdula ma' dik li nsejħulha d-'Dumnikana'.

Wirt il-knisja l-qadima huma wkoll ħamsa mis-sitt fratellanzi li għandna. Tas-Sagrament twaqqfet fl-ewwel knisja parokkjali li kien hawn fil-Mosta. Dik tar-Rużarju twaqqfet fl-1612. Taċ-Ċintura twaqqfet fl-1721. Dawk ta' San Ġużepp u tal-Qalb ta' Ġesù twaqqfu lejn tmiem is-seklu tmintax.

Fl-aħħarnett wirt ieħor sabiħ u wisq iżjed għażiż hija r-relikwa tal-ġisem sħiħ tal-martri San Paċifiku. Il-knisja l-qadima kienet stagħniet bl-għadam sħiħ u tazza bid-demm ta' dan il-martri fl-1783 bit-tħabbrik tal-kappillan Dun Salv Saver Bonnici. Meta mbagħad missirijietna waqqfu t-tempju monumentali li għandna, huma poġġewh fin-niċċa fejn narawh illum, taħt u qrib ix-xbiha għażiża inkurunata tal-patruna ta' din il-belt li fl-2008 tagħlaq 400 sena bħala parroċċa taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija Assunta.

---

***Referenzi:***

Bonnici, A., *Storja ta' Malta fi Ġrajjiet il-Knisja* (Malta, 1996), pp. 118-9, 121-2, 126, 129.
Borg, J., 1966),'Wirt il-Knisja l-Qadima', *Il-Mosta*, nru. 8.
Borg, V., *Marian Devotions in the Islands of St. Paul (1600-1800)* (Malta), p.331.
Mifsud Bonnici, R., *Dizzjunaru Bijo-Bibljografiku Nazzjonali* (Malta, 1960)p. 64.
Salomone, E., *Musta: Memories and Charms* (Rochdale, 1911), pp.13, 16, 17.
Sciberras, K., *L-Arti Barokka f'Malta* (Malta, 2003), p. 183.
Vella, E.B. et. al., *Storja tal-Mosta* (Malta, 1972), pp.82, 83, 101, 102, 230, 304.
Xi tagħrif ieħor miġbur minn Dun Salv Magro mill-arkivju tal-Knisja Arċipretali tal-Mosta u mgħoddi lili.